MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru. 336/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Philippa Elsallak**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Philippa Elsallak ta' 54 sena mart Faiz Omar Elsallak, bint il-mejjet Anthony Spiteri u Philippa nee Micallef, imwielda Żebbuġ, nhar it-30 ta' Mejju 1948 u residenti fil-fond numru Flat 2 Marlyn Flat Testaferrata Street Gżira u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numur 496748(M)

2. Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer nhar l-24 ta' Novembru 2002 u fix-xharejn ta' qabel, ġol-Gżira, u fi bnadi oħra f'Malta f'ħinijiet differenti

Kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kenitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principal ital-Gcvern skodn id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kentix bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkolha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga ma kenitx għall-użu esklussiv tagħha.

3. Il-Qorti ntalbet sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Novembru 2002 u l-istqarrija tal-imputata.

Ikkonsidrat

5. Il-provi tal-Prosekuzzjoni jikkonsistu fl-istqarrija tal-imputata u x-xhieda ta' WPC Marisa Bartolo u PC 451 Aaron Bugeja.

**L-istqarrija tal-imputata.**

6. Mill-istqarrija tal-imputata magħmula fil-25 ta' Novembru 2002, jirriżulta li l-imputata kienet stqarret li d-droga kienet ta' Faiz, li wara li kien arrestat, kien ammetta li d-droga kienet tiegħu. L-imputata kienet għarrfet b'dan lil diversi lill-WPS 45 u kienet saħansitra indiakt post (bl-indirizz eżatt) fejn dan Faiz kellu d-droga. Lil Faiz qatt ma

kienet ratu jbiegħ l-eroina. L-imputata qalet li hi ma kintix sabet droga.

7. Mix-xhieda ta’ WPS 45 Marisa Bartolo jirriżulta li kienu marru fl-appartament tal-imputata. Fil-kamra tas-sodda kien hemm lamp shade u raw lill-imputata taqbad xi ħaġa minn hemm hekk. WPS 45 talbet l-oġġett lill-imputata li tathulha. L-oġġett kien borża tal-plastik li kien fiha xi trab kannella. L-imputata kkoperat mal-Pulizija. L-imputata kienet għenet lill-Pulizija b’mod oħra. (Ara fol 19). Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li l-imputata kienet qaltilhom li d-droga ma kentix tagħha.

8. Ix-xhieda ta’ PC 451 Aaron Bugeja tikkonferma l-verżjoni ta’ WPS 45 Marisa Bartolo. (Fol 22 u 23).

9. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fid-9 ta’ Lulju 2007.

**Xhieda Difiża**

10. Għad-difiża xehed Omar Faiz Elsallak. Huwa xehed li kienu għamlulu tfittxija fil-karozza u wara telgħu fuq fl-appartament. L-imputata bdiet tibki u x-xhdu sabha bil-manetti. Huwa nforma lis-CID li martu ma kienet taf b’xejn. Il-każ kontrih kien gadu għaddej. Lill-Ispettur kien qallu mill-bidunett li l-imputata ma kienet taf b’xejn. Huwa kien juża d-droga bil-moħbi. Huwa kien xtara b’xi 5 grammi u kien uża minnha filgħodu. Huwa kien iżomm id-droga fi statwa fil-kamra tas-sodda. Lilu kienu sabulu aktar droga ġewwa Birkirkara iżda din kienet ħażina. Huwa nnega li l-imputata kienet taf bid-droga.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

11. Mill-provi prodotti jirriżulta b’mod ċar li nstabet xi droga fl-appartament fejn kienet toqgħod l-imputata flimkien ma’ Omar Faiz Elsallak li meta xehed kienu għadhom għaddejin proċeduri kontrih.

12. L-imputata kienet taf li kien hemm id-droga fid-dar. Dan jirriżulta kemm mill-istqarrija tagħha kif ukoll mill-fatt li elevat l-oġġett li taħtu kien hemm id-droga.

13. Iżda l-imputata mill-ewwel stqarret li d-droga ma kenitx tagħha. U l-Qorti tista' tistrieħ fuq l-istqarrija biss għaliex it-ton tal-istqarrija għandu mill-verita'.

14. Tassew li din il-verżjoni tal-imputata ssaħħet minn kif xehed Faiz Omar Elsallak iżda dan huwa żewġha u skond l-artikolu 635 tal-Kap 9 jista' jixhed biss, fost l-oħrajn, meta tkun xehdet il-mara. F'dawn il-proċeduri l-imputata ma xehditx. Għalhekk il-Qorti ma tistax tqis l-evidenza li ta Omar Faiz Elsallak.

15. Il-Qorti m'għandhiex quddiemha xi xhieda jew evidenza ta' kemm kienet instabet droga.

16. Ikkonsidrat ukoll li fl-appartament l-imputata ma kenitx tgħix weħidha iżd akien hemm persuna oħra. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li d-droga kienet tal-imputata 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni, speċjalment meta wieħed iqis x'qalet l-imputata *a tempo vergine*.

17. Għalhekk il-Qorti, wara li rat it-Taqsmiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament numru 9 tal-GN 292/1939 qed tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni dedotta kontriha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------